

**Brussell, 18 ta' Ottubru 2023
(OR. en, bg)**

**Fajl Interistituzzjonali:
2020/0011(NLE)**

**13190/23
ADD 1**

**SOC 624
EMPL 445
SAN 528
GENDER 184
ANTIDISCRIM 164
FREMP 248
ILO 10**

NOTA PUNT "A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza lill-Istati Membri biex jirratifikaw, fl-interess tal-Unjoni Ewropea, il-Konvenzjoni dwar il-Vjolenza u l-Fastidju, 2019 (Nru 190) tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol - Dikjarazzjoni mill-Awstrija, il-Bulgarija, il-Litwanja, ir-Repubblika Ċeka u l-Ungerija

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuża dikjarazzjonijiet mill-Awstrija, il-Bulgarija, il-Litwanja, ir-Repubblika Ċeka u l-Ungerija dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq bil-ħsieb tal-laqgħa tal-Kunsill (Agrikoltura u Sajd) tat-23 ta' Ottubru 2023. Id-dikjarazzjonijiet ser jiddaħħlu fil-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill.

DIKJARAZZJONI MILL-AWSTRIJA

1. Fil-prinċipju, l-Awstrija tenfasizza l-fehma legali tagħha li d-deċiżjoni tal-Kunsill li tistieden lill-Istati Membri biex jirratifikaw il-konvenzjoni internazzjonali rilevanti ma toħloqx obbligu.
2. L-Istati Membri tal-UE huma kostitwenti awtonomi tal-ILO. Obbligu ta' ratifika jikkontradixxi l-prinċipju ta' tripartizmu minqux fil-Kostituzzjoni tal-ILO u l-Konvenzjoni Nru 144 tal-ILO tal-1976 ratifikata mill-Istati Membri kollha tal-UE.
3. L-Awstrija tieħu nota tal-assigurazzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea li ser toqgħod lura minn passi legali kontra l-Istati Membri li jagħżlu li ma jirratifikawx il-konvenzjoni.

DIKJARAZZJONI MIR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA

"Ir-Repubblika tal-Bulgarija tagħti importanza kbira lill-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem. Il-pajjiż huwa u ser jibqa' ddedikat għall-impenji tiegħu dwar id-drittijiet tal-bniedem, inkluż il-ġlieda kontra l-vjolenza u l-fastidju fuq il-post tax-xogħol. Fl-2018, il-Qorti Kostituzzjonali Bulgara adottat deċiżjoni li tiddikjara li l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika (il-"Konvenzjoni ta' Istanbul") tippromwovi kunċetti legali relatati mal-kunċett ta' "ġeneru" li huma inkompatibbli mal-prinċipji fundamentali tal-Kostituzzjoni Bulgara.

Barra minn hekk, fl-2021 il-Qorti Kostituzzjonali kompliet tiċċara li l-kunċett ta' "sess" użat fil-Kostituzzjoni, jista', fil-kuntest tal-ordni legali nazzjonali, jinftehem fis-sens bijoloġiku tiegħu biss (irġiel u nisa). L-Artikolu 1(1)(b) tal-Konvenzjoni Nru 190 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) jipprovdi protezzjoni kemm għal "sess" kif ukoll għal "ġeneru", li, fid-dawl tas-sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali msemmija hawn fuq, iqajjem dubbi dwar il-konformità tagħha mal-Kostituzzjoni Bulgara u b'hekk il-kapaċità tal-pajjiż li jirratifikaha.

Konsegwentement, ir-Repubblika tal-Bulgarija **ma tappoġġax id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tistieden lill-Istati Membri jirratifikaw il-Konvenzjoni dwar il-Vjolenza u l-Fastidju, 2019 (Nru 190) tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol**, li fir-rigward tagħha hemm inċertezza legali dwar jekk toħloqx obbligu ta' ratifika jew le.

Ir-Repubblika tal-Bulgarija hija mħassba wkoll li l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni tista' taffettwa l-kompetenza tal-Istati Membri li jiddeċiedu b'mod indipendenti jekk jintrabtux b'din il-Konvenzjoni jew le f'konformità mal-Kostituzzjoni tal-ILO, li tista', min-naħa tagħha, tipperikola l-pożizzjoni tal-Istati Membri fin-negozjati għall-adozzjoni ta' Konvenzjonijiet u Rakkomandazzjonijiet futuri tal-ILO li jkopru kwistjonijiet ta' kompetenza kondiviża bejn l-Istati Membri u l-Unjoni."

DIKJARAZZJONI MIR-REPUBBLIKA ĊEKA

Ir-Repubblika Ċeka tixtieq tfakkar fil-pożizzjoni tagħha espressa f'diversi okkażjonijiet matul in-negozjati tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill attwali, kif ukoll dawk preċedenti li jippermettu, jistiednu jew jawtorizzaw lill-Istati Membri tal-UE biex jirratifikaw il-Konvenzjonijiet u l-Protokoll tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO). Ir-Repubblika Ċeka interpretat b'mod konsistenti dawn id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill bħala miżuri li ma jgħorrox obbligu li jirratifikaw il-konvenzjonijiet internazzjonali inkwistjoni. Minflok, dawn jitqiesu bħala strumenti li jiffaċilitaw il-possibbiltà ta' ratifika, filwaqt li jirrispettaw ukoll il-prinċipju ta' rispett sħiħ għall-Istati Membri tal-UE bħala kostitwenti indipendenti tal-ILO. F'dan il-kuntest, kull Stat Membru tal-UE jżomm id-diskrezzjoni tiegħu biex jibda l-proċess ta' ratifika, iggwidat biss mit-teħid ta' deċiżjonijiet nazzjonali tiegħu, mingħajr ma jkun soġġett għal miżuri li jikkonċernaw ksur tat-Trattat.

Ir-Repubblika Ċeka tinsisti fuq il-ħtieġa għal konferma espliċita li tippermetti lill-Istati Membri tal-UE jirratifikaw volontarjament il-Konvenzjoni Nru 190 tal-ILO dwar il-Vjolenza u l-Fastidju fil-ġurisdizzjoni nazzjonali tagħhom. Mingħajr din il-premessa u fin-nuqqas ta' interpretazzjoni legali ċara fil-laqgħa tal-Coreper tad-19 ta' Lulju 2023, ir-Repubblika Ċeka mhix f'pożizzjoni li tappoġġa d-Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Istati Membri jirratifikaw il-Konvenzjoni dwar il-Vjolenza u l-Fastidju, 2019 (Nru 190) tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol u tastjeni milli tivvota.

Ir-Repubblika Ċeka tiegħu nota u tapprezza l-affermazzjonijiet tal-Kummissjoni, espressi f'diversi okkażjonijiet, biex iżżomm il-prattika eżistenti dwar dan u d-Deċiżjonijiet preċedenti kollha tal-Kunsill li mhijiex ser tiegħu passi biex tinforza r-ratifika tal-Konvenzjonijiet tal-ILO mill-Istati Membri tal-UE.

DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA

L-Ungerija, b'kont meħud tal-parir tas-Servizz Legali tal-Kunsill ipprovdut matul in-negojati, tixtieq ittenni l-fehma legali tagħha li ma hemm l-ebda hteġa legali li tiġi adottata deċiżjoni tal-Kunsill sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jirratifikaw il-Konvenzjoni dwar il-Vjolenza u l-Fastidju, 2019 (Nru 190) tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (minn hawn 'il quddiem: il-Konvenzjoni 190 tal-ILO), minħabba li l-Konvenzjoni ma tinvolvi l-ebda kompetenza esklużiva tal-UE. Aħna nosservaw li l-atti ta' seba' Stati Membri li diġà rratifikaw il-Konvenzjoni *de facto* jikkonfermaw ukoll dik il-konklużjoni.

Mingħajr preġudizzju għal dan ta' hawn fuq, l-Ungerija tieħu nota wkoll tad-dikjarazzjonijiet verbali multipli tal-Kummissjoni li mhijiex ser tieħu passi biex tinforza r-ratifika tal-Konvenzjoni mill-Istati Membri anke jekk tiġi adottata deċiżjoni tal-Kunsill f'dan ir-rigward.

Fl-aħħar nett, l-Ungerija tinnota b'dispijaċir il-proċedura li wasslet għall-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Kunsill inkwistjoni. F'dan ir-rigward infakkru li l-Coreper ikkonkluda fil-laqgħa tiegħu tal-31 ta' Mejju 2023, li jirrakkomanda lill-Kunsill japprova dikjarazzjoni li għandha tiddaħħal fil-minuti tiegħu, fejn il-Kunsill jinnota li l-maġġoranza kwalifikata meħtieġa ma tistax tintlaħaq għall-adozzjoni tad-deċiżjoni proposta tal-Kunsill. Huwa ta' dispijaċir li l-konklużjonijiet tal-laqgħa tal-Coreper ma ġewx segwiti.

DIKJARAZZJONI MIL-LITWANJA

1. Filwaqt li tqis il-prattika stabbilita tal-Kummissjoni Ewropea bid-Deċiżjonijiet preċedenti tal-Kunsill rigward il-konvenzjonijiet u l-protokolli tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO), il-Litwanja tappoġġa l-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tistieden lill-Istati Membri biex jirratifikaw il-Konvenzjoni dwar il-Vjolenza u l-Fastidju, 2019 (Nru 190) tal-ILO.
2. Il-Litwanja temmen bis-sħiħ li l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni tal-Kunsill ser tgħin biex l-Istati Membri kollha tal-UE jibqgħu jaġixxu f'unità, tappoġġa l-oġġettivi tal-Konvenzjonijiet futuri u taqdi rwol ewlieni għall-adozzjoni tagħhom fil-korp tripartitiku tal-ILO.
3. Fl-istess ħin, il-Litwanja tifhem u tenfasizza l-pożizzjoni espressa matul in-negozjati li din id-deċiżjoni tal-Kunsill u dawk preċedenti ma jgħolqux obbligu li tiġi ratifikata l-konvenzjoni internazzjonali rilevanti peress li l-Istati Membri tal-UE huma kostitwenti awtonomi tal-ILO, filwaqt li din id-deċiżjoni tal-Kunsill hija meħtieġa fl-Unjoni Ewropea biex tkun konformi mal-acquis Communautaire.
